# IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦERBA

Kitba ta' Michael Galea

It-tradizzjoni tgħid li s-santwarju tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara kien wieħed mill-ewlenin li ġew irrestawrati wara li fl-1090 il-Konti Ruġġieru ta' Altavilla kien ħeles il-Gżejjer Maltin mill-ħakma tal-Musulmani. Il-knisja l-qadima kienet imbagħad twaqqgħet biex fl-1640 inbniet oħra flokha. Il-faċċata u l-kampnar tal-knisja li hemm illum inbnew fl-1797. Dan is-santwarju ġie kkonsagrat fit-23 ta' Marzu 1783 mill-Isqof Vincenzo Labini (1780 – 1807) meta qiegħed fl-artal ir-relikwiji tal-qaddisin martri Innoċenz, Vinċenz, Urbanu u Faustu. It-titular proprju ta' dan is-santwarju huwa taħt l-invokazzjoni tat-Twelid ta' Sidtna Marija Santissima; iżda, billi dak iż-żmien kien jinsab f'post imwarrab u mħarbat, in-nies bdiet issejjaħlu "Tal-Ħerba".

Jingħad li jum fost l-oħrajn, kien għaddej minn dawk l-inħawi raħal miflug meta leħen ta' qanpiena nstama' jidwi f'widnejh. Xtaq jaf għalfejn u f'liema knisja kienet iddoqq dik il-qanpiena. Fil-knisja tal-Ħerba kienet ser toħroġ quddiesa. Malli daħal fil-knisja għajnejh jaqgħu fuq il-kwadru tal-Madonna. Bl-akbar devozzjoni u qima selmilHa u ħerqan beda jitlobHa, meta f'daqqa waħda minn taħt spellejh jaqgħulu l-krozzi li kienu jgħinuh jimxi. Malajr intebaħ li kien b'saħħtu u mfejjaq għal kollox. Jibki bil-ferħ mar inxteħet għarkobbtejh quddiem dak il-kwadru mirakuluż, u beda jrodd ħajr għall-grazzja li kien qala'.

Dik il-ġrajja malajr inxterdet mal-gżira kollha. Dak is-santwarju sar ċentru nsinji ta' devozzjoni Marjana, kif jixhdu l-ħafna kwadri "ex voto" li hemm ikkonservati fl-istess tempju. Ferris jikteb: "Din il-knisja hija wieħed mill-egħżeż santwarji li jinsabu f'Malta. "Wieħed isemmi fost id-devoti llustri lejn il-Madonna tal-Ħerba l-Granmastru Fra Jean Parisot de La Valette (1557 – 1568) u l-Granmastru Fra Emanuel De Rohan Polduc (1775 – 1797), u l-Isqfijiet djoċesani li għanuh bl-indulġenzi u bi privileġġi. Il-Papiet Klement XIV (1769 – 1774) u Ljun XIII (1878 – 1903) ikkonċedew indulġenzi speċjali lil min jirrikorri għand il-Madonna f'dan is-santwarju. Il-Papa Piju VI (1775 – 1799) għamel l-artal ta' Sidtna Marija tal-Ħerba privileġġjat.

Fil-kwadru titulari l-qadim insibu l-arma tal-Kavallier De Pierre, devot tal-Madonna, li jidher fuq il-kwadru mixħut għarkobbtejh quddiem il-Madonna. Dan jispjega għaliex fil-kwadru titulari li hemm illum naraw il-figura ta' San Ġwann Battista, Patrun ta' l-Ordni, iħares lejn il-Madonna b'idu l-leminija fuq siru u b'idu l-oħra jżomm l-istendard ta' l-Ordni Gerosolmitan. Il-figura prinċipali fil-pittura tal-kwadru

naturalment hi ta' Sidtna Marija li tidher qiegħda fuq is-sħab terfa' fuq driegħha tax-xellug lil Ġesù Bambin, waqt li idha l-oħra miftuħa qed tilqa' l-erwieħ li l-Anġlu Kustodju qed jeħles mill-Purgatorju. Fil-lemin tal-kwadru jidher l-Anġlu Kustodju jwieżen tarbija minn rasha, it-tnejn iħarsu lejn il-Madonna. Dan il-kwadru x'aktarx tpinġa bejn l-1668 u l-1679.

Il-Papa S. Piju X (1903 – 1914) wettaq id-digriet ta' l-Inkurunazzjoni. Difatti l-kwadru tal-Madonna tal-Ħerba ġie solennement inkurunat fis-7 ta' Awissu 1910 mill-Isqof Mons. Pietru Pace, assistit mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Fra Giov. M. Camilleri.



